# Fid-Diq...

*Joseph Galea*

Fid-diq ta' dak il-lejl
żammejna id xulxin
fis-skiet...

u fina, bħal tapit,
infirxet lejla kwiekeb
jilagħbu mas-smewwiet.

# ~~Eku~~

~~*Sandra Vassallo*~~

~~Quddiem fjamma titriegħed fil-lampa,~~
~~Jiena qiegħda niċċassa fix-xej',~~
~~Dawl safrani rifless ta' l-imgħoddi,~~
~~Ħsibijieti jinġabru bil-lej'.~~

~~Il-ftit dawl illi ħiereġ jitliegħeb~~
~~Kollox jidher midfun f'dellijiet,~~
~~U fis-satra tad-dalma fiddiena~~
~~Geġwiġija jitqanqlu x-xewqiet.~~

~~Għaliex qabel ma l-għajnejn jingħalqu~~
~~Malli l-kesħa tinfirex ftit ftit,~~
~~F'dik il-ħemda sewdiena li ssaltan~~
~~Ħsibijieti jittajru fis fik...~~

~~Għaliex kollox qed jidher bħal f'ħolma~~
~~Forsi l-eku qadim isaħħarni~~
~~It-tgedwid ta' kuruna rużarju~~
~~Fin-nanniet u fl-imgħoddi jfakkarni.~~

~~Forsi għax f'dawk is-snin, Poeżija,~~
~~Int kont timraħ bil-ħlejju kuljum~~
~~U tixxettel f'qasrija fis-setaħ~~
~~Donnok għanja li tidwi u ddum.~~

~~Iżda r-ritmu ta' trajbu bizzilla~~
~~Bħal qtar jaqa' ġo ġarra fuħħâr,~~
~~Għadhom jidhru... sa tibqa' l-imħabba~~
~~Tfakkar f'għada w fiż-żmien li ġà tar.~~